

Brussell, 30 ta' Novembru 2017
(OR. en)

15131/17

ENV 1007
FIN 812
FSTR 84
FC 93
REGIO 118

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	30 ta' Novembru 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 14095/17 ENV 902 FIN 704 FSTR 76 FC 85 REGIO 108	
Suġġett:	Ir-Rapport Speċjali Nru 12/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bl-isem "Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb: titjib fil-kwalità tal-ilma u fl-aċċess għalih fil-Bulgarija, fl-Ungerija u fir-Rumanija, iżda l-ħtiġijiet ta' investiment għadhom sostanzjali" - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill tar-Rapport Speċjali Nru 12/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bl-isem "Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb: titjib fil-kwalità tal-ilma u fl-aċċess għalih fil-Bulgarija, fl-Ungerija u fir-Rumanija, iżda l-ħtiġijiet ta' investiment għadhom sostanzjali", kif adottati mill-Kunsill fit-3589 laqgħa tiegħu li saret fit-30 ta' Novembru 2017.

Ir-Rapport Speċjali Nru 12/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bl-isem “Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb: titjib fil-kwalità tal-ilma u fl-aċċess għalih fil-Bulgarija, fl-Ungerija u fir-Rumanija, iżda l-ħtiġijiet ta’ investiment għadhom sostanzjali”

- Konklużjonijiet tal-Kunsill -

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR fid-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb¹ li għandha l-għan li tipproteġi s-saħħa tal-bniedem mill-effetti negattivi ta’ kwalunkwe kontaminazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem billi jkun żgurat li dan ikun nadif u tajjeb, u l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tar-REFIT ta’ din id-Direttiva²:

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 12/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri³;
2. JINNOTA li l-awditjar iffoka mhux biss fuq il-kwalità tal-ilma tax-xorb iżda wkoll dwar jekk l-azzjonijiet tal-UE tejbux l-aċċess sikur taċ-ċittadini għal ilma tax-xorb ta’ kwalità fil-Bulgarija, l-Ungerija u r-Rumanija, u JILQA’ l-konklużjoni tagħha li l-aċċess taċ-ċittadini għal, u l-provvista ta’, ilma tax-xorb ta’ kwalità f’dawn it-tliet Stati Membri tjiebu mill-adeżjoni tagħhom mal-UE;
3. JENFASIZZA li r-rapport jiddikjara li għad hemm oqsma fejn iċ-ċittadini jingħataw ilma min-netwerk pubbliku għal provvisti li mhux kompletament konformi mal-istandards tal-UE;

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta’ Novembru 1998 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32–54).

² Dok. 15301/16 + ADD 1.

³ ĠU C 303, 14.9.2017, p. 5.

4. JISĦAQ li r-rapport sab li l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK) kkontribwixxew ħafna għat-titjib tal-kwalità tal-ilma tax-xorb u l-aċċess għall-provvista tiegħu;
5. JIRRIKONOXXI li aktar investimenti pubbliċi u privati huma meħtieġa biex jiżguraw li ċittadini kollha jkollhom aċċess għal ilma ta' kwalità tajba, u JENFASIZZA l-importanza ta' finanzjament prevedibbli, adegwat u regolari ta' manutenzjoni korretta u tiġdid ta' l-infrastruttura tal-provvista tal-ilma;
6. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiffaċilita r-rappurtar fuq l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb u tippromwovi soluzzjonijiet tal-IT differenti, u JISTIEDEN lill-Istati Membri jkomplu jipprovdu l-informazzjoni mitluba;
7. JAPPELLA lill-Istati Membri biex jiżguraw l-irkupru tal-ispejjeż, filwaqt li titqies l-affordabbiltà tat-tariffi tal-ilma tagħhom, biex jiġu żgurati s-sostenibbiltà, il-manutenzjoni u t-tiġdid tal-infrastruttura tal-ilma;
8. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-konsumaturi jkollhom aċċess faċli għal informazzjoni aġġornata dwar il-kwalità tal-ilma tax-xorb;
9. JISTIEDEN lill-Istati Membri jippromwovu teknoloġiji u prattiki innovattivi biex jitnaqqas it-telf tal-ilma, biex b'hekk jikkontribwixxu għal użu sostenibbli u effiċjenti tal-ilma;
10. JISTENNA BIL-ĦERQA li jirċievi l-proposta mill-Kummissjoni għal Direttiva riveduta dwar l-Ilma tax-Xorb.